**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Novembru, 2019**

**Mandat Nru: 1491/2019/1 AF**

**Paul Gatt**

**Carmel Gatt**

**Joseph Gatt**

**u**

**Antoine Gatt**

**vs**

**Michael Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Paul Gatt, Carmel Gatt, Joseph Gatt u Antoine Gatt li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet li zzomm lill-intimat milli jibqa' jirrisjedi fil-fond 80, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat, proprjetà tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba ta' Michael Bugeja.

Rat id-dokument anness.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2019.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti zzomm lil Michael Bugeja milli jkompli jirrisjedi go fond proprjetà taghhom u li fuqu huwa jgawdi titolu ta' kera. Ir-raguni li jgibu hi li l-fond qieghed fi stat ta' periklu u jridu jserrhu rashom mill-obbligi taghhom f'kaz li jinqala' xi haga u jsofri xi danni l-istess inkwilin.

Huma jsostnu li jridu jittutelaw id-dritt taghhom li jezercitaw l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghalkemm il-Qorti ghandha dubju serju dwar il-vera raguni wara din il-procedura, galadarba l-istess intimat seduta stante ghazel li jezenta lis-sidien minn kwalunkwe responsabilità, din il-Qorti tqis imxejjna din ir-raguni ewlenija tar-rikorrenti. Inoltre din il-Qorti tifhem li dak li effettivament qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti hu li jxejjnu l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li permezz taghha giet michuda talba taghhom ghar-ripresa tal-fond bil-ghan tal-izvilupp tas-sit.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad definittivament it-talba ta' Paul Gatt, Carmel Gatt, Joseph Gatt u Antoine Gatt kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-1 ta' Novembru 2019.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

IMHALLEF